**101. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzka, l-Onor. Guido de Marco jipproponi:-**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 1989 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 – ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskorsi; u

17.11.1988

**L-Onor. Joe Brincat ressaq din l-Emenda “A”:**

"Ħassar il-kliem kollu wara l-kliem "(Ordni Permanenti 71 (3) (a) " u jidħol il-kliem li ġej:

Peress li kuntrarjament għall-prattika kostanti stabbilità taħt il-Gvern Soċjalista preċedenti li d-diskussjoni fuq il-budget tingħata l-akbar pubbliċità u ħin adegwat u programm ta' tqassim ta' ħin b'mod li l-poplu jkun informat bl-aktar mod demokratiku fuq kif qed jiġi amministrat il-ġid tal-pajjiż, u b'hekk il- kritika lill-gvern u lid-diversi ministri kienet tista' issir quddiem il-poplu li fl-aħħar mill-aħħar irid jiġġudika dak li r-rappreżentanti tiegħu jagħmlu f'ismu fil- Parlament u peress li saħansitra bis-sistema li ntroduċa l-Gvern Nazzjonalista ta' seduti ffullati fl-istess ġurnata, lanqas qed ikun hemm l-opportunita' għall-ġurnali li jirrapportaw sewwa ħalli l-poplu verament ikun infurmat, u f'dan anke jekk wieħed kellu jinsa l-fatt li fuq kull budget kien ikun hemm madwar erbgħin siegħa ta' xandir dirett;

u peress minkejja li dan ġara wkoll fis-sena 1987, u kien hemm il-wegħda li l-ħin li kien intilef mit- trasmissjonijiet kellu jingħata fi ġranet oħra matul is-sena fuq suġġetti varji, iżda din il-wegħda kienet għal kollox fiergħa;

u peress li issa jidher li d-dibattitu fuq il-budget se jsir b'mod li jkun sempliċi formalità u mhux verament biex ikun hemm dak id-djalogu li għandu jsir quddiem kulħadd bejn Gvern u Oppożizzjoni, liema djalogu tant kien jippriedka fuqu l-partit Nazzjonalista fl- Oppożizzjoni;

u peress li għalhekk la l-Gvern mhux qed jimxi ma' dak li kien mogħti lill- Oppożizzjoni Nazzjonalista meta l-Partit Laburista kien fil-gvern;

din id-dikjarazzjoni ma tkun eżenti mill-ebda Ordni Permanenti, u lanqas ikun applikabbli dwar pubbliċita' jew trasmissjoni differenti minn dak applikabbli għad dibbattiti fuq il-voti tad-diversi Ministeri.”

**L-emenda "A" m’għaddietx.**

**Il-mozzjoni għaddiet fis-Seduta 175 tat-28 ta’ Novembru 1988.**